MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 17/2009

Dr. Angele Formosa,
Li qed tidher għan-nom u in
Rappreżentanza tal-imsiefra
Amanda Cheatham.

VS

Michael Meilak

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat ta’ Dr. Angele Formosa nomine li permezz tiegħu wara illi ppremettiet illi:

1. Illi fit-tmienja u għoxrin (28) t’Ottubru tas-sena elf disa’ mija u sebgħa u disgħin (1997) l-attriċi Amanda Cheatham għaddiet is-somma ta’ tletin elf u ħamsa u għoxrin dollars Amerikani ($ 30,025) b’titolu ta’ self lill-konvenut Michael Meilak u dank if jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala document ‘A’;

2. Illi sussegwentement il-konvenut Michael Meilak għamel numru ta' pagamenti lill-attriċi nomine permezz ta' bank transfers, liema pagamenti kienu qed inaqqsu d-dejn li huwa kellu mal-attriċi nomine;

3. Illi kif jidher mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dokumenti 'B' sa 'H' il-konvenut ħallas $ 4,977.50 fis-17 ta' Novembru 1999, $ 1,500 fit-23 ta' Mejju 2000, $ 980 fil-5 ta' Marzu 2001, $ 480 fl-10 ta' Jannar 2003, $ 275 fl-14 ta' ottubru 2004, $75 fit-18 ta' April 2005 u ~$225 fit-12 ta' Jannar 2005;

4. Illi għalhekk b'kollox il-konvenut ħallas l-ammont ta' $ 8,512.50 u għad fadal dovut lill-kreditriċi l-attriċi nomine s-somma ta' $ 21,512.50, liema dejn huwa ċert, likwidu u dovut;

5. Illi kien hemm diversi korrispondenzi bejn l-attriċi nomine u l-konvenut, fejn il-konvenut ġie mitlub iħallas dan id-dejn lura, iżda dan baqa' dejjem inadempjenti;

6. Illi permezz ta' ittra mibgħuta mill-konvenut lill-attriċi nomine illi l-istess attriċi nomine rċeviet fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) (annessa bħala Dokument 'I'), il-konvenut irrikonoxxa dan d-dejn u talab lill-istess attriċi nomine sabiex ma tieħux passi legali kontra tiegħu;

7. Illi l-konvenut baqa' ma ħallasx id-dejn dovut minnu u dan minkejja li ġie debitament interpellat b 'ittra uffiċċjali numru 608/2008 datata tnejn (2) t'Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008);

8. Illi dan l-ammont huwa wieħed dovut mill-konvenut Michael Meilak lill-attriċi nomine li tiddikjara li sa fejn taf hi l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba.

Talbet lill-konvenut Michael Meilak jgħid għaliex din il-Qorti ma għandhiex :

1. Taqta' u tiddeċidi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikoli 167 sa 171 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara lill-konvenut Michael Meilak debitur fil-konfront tal-attriċi nomine għas-somma ta' wieħed u għoxrin elf ħames mija u tnax-il dollar Amerikan u ħamsin ċenteżmju ($ 21,512.50) pari għal madwar sittax-il elf tlett mija u ħamsa u sebgħin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€ 16,375.49) oltre l-imgħaxijiet fuq l-istess somma;

3. Tordna lill-istess konvenut sabiex iħallas dan l-ammont flimkien mal-imgħaxijiet relattivi lill-attriċi nomine.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali numru 608/2008 datata tnejn (2) t'Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) kontra l-konvenut illi huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Marzu 2009, fejn awtorizzat lill-konvenut jippreżenta risposta ġuramentata fi żmien mogħti mill-liġi.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-istess konvenut li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Illi qabel kollox l-attriċi nomine trid tipprova l-mandat li hija għandha ta' l-imsiefra Amanda Cheatham;

2. Illi l-pretensjoni attriċi fil-konfront tal-intimat hija waħda ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-azzjoni mill-attriċi riedet tkun diretta wkoll kontra l-konjuġi (art. 1322(2)(f) tal-Kap. 16). Hemm għaldaqstant in-nullita' tal-azzjoni attriċi;

3. Illi fil-meritu u bla preġudizzju għall-premess, l-obbligazzjoni oġġett in kawża hija magħmula fuq kawża illeċita u pprojbita mill-liġi u hija kuntrarja għall-ordni pubbliku, u kawża lleċita' ma tistax tifforma l-bażi ta'

azzjoni ġudizzjarja. Hija bla effett kwalunkwe' obbligazzjoni magħmula fuq kawża lleċita. Eċċezzjoni ta' din in-natura hija saħansitra sollevabbli mill-Qorti *ex officio* (PA, Vassallo vs Cuschieri, 18/05/93; Qorti Kummerċjali, Pace vs Agius, 15/11/1957);

4. Illi l-esponenti qed jikkontesta l-ammont mitlub mill-attriċi, u m'għandux jagħti lill-attriċi l-ammont minnha pretiż;

5. salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-provi prodotti,

Rat in-nota tal-lum stess li permezz tagħha l-konvenut ammetta t-talbiet attriċi,b'dana pero' li l-imgħax fuq l-ammont ikkanoniżżat għandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, stante illi ma kienx ġie miftiehem ħlas ta' imgħax, u dana a tenur tal-artikolu 1849 tal-Kap. 16. Ikkonfermat illi l-ftehim dwar dan is-self kien sar brevi manu u allura ma hemm l-ebda prova illi kien hemm xi ftehim dwar l-imgħax.

Il-Qorti għal hekk in vista ta' din l-ammissjoni, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, tiddikjara lill-konvenut Michael Meilak debitur fil-konfront ta' l-attriċi nomine fis-somma ta' wieħed u għoxrin elf ħames mija u tnax-il dollaru Amerikan u ħamsin ċenteżmu, pari għal madwar sittax-il elf tlett mija u ħamsa u sebgħin euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu, bl-imgħaxijiet fuq l-istess somma mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess konvenut. L-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali numru 608/2008, tat-2 ta' Ottubru 2008, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------